MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tad-29 ta' April, 2013

Numru. 240/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**Denis Cremona**

**Illum, 29 ta' April 2013**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Denis Cremona ta' 37 sena, iben Paul u Carmen xebba Azzopardi, imwieled Pieta` nhar it-23 ta' Lulju 1975, residenti gewwa Block 13, Flat 2, Triq il-Pitkali, Marsa u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 365475M

Akkuzat kif gej:-

a) Fis-16 ta' April, 2013 u fil-granet ta' qabel din id-data, f'dawn il-gzejjer kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu;

b) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Talli naqas milli jhares xi wahda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'digriet taghha datat 27 ta' Marzu 2013 li bih inghata l-helsien mill-arrest taht depozitu u garanzija ta' flus u kif ukoll diversi kondizzjonijiet fosthom li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja, u dan bi ksur tal-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) Talli ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt (100) metru mill-parametru ta' skola, club jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti hija mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kif dedotti konta tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur

tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u in vista tal-ammissjoni registrata mill-imputat, il-Qorti issib lill-istess imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal fini tal-piena, il-Qorti ikkunsidrat min-naha l-wahda, l-ammissjoni bikrija tal-imputat u min-naha l-ohra illi l-fedina penali aggornata tieghu fiha diversi kundanni, anke in konnessjoni ma' reati li jinvolvu d-droga, kif ukoll serq, dwar liema kundanni l-imputat diga` wehel pieni ta' prigunerija effettiva u li minkejja dan, huwa rega' ghazel li jikser il-ligi. Il-Qorti qieset ukoll illi minkejja li d-droga li nstabet fil-pussess tal-imputat kienet ta' kwantita` minima, din kienet diviza f'tlettax-il borza zghira u borza ohra li kienet imgezwra f'bicca *foil*[1]. Il-Qorti qieset ukoll illi l-imputat huwa recidiv.

In oltre il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-akkuzat wera x-xewqa li jibda programm sabiex jirrijabilita ruhu mill-vizzju tad-droga, kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tas-17 ta' April 2013.

Ghal fini tal-piena, il-Qorti ikkunsidrat ukoll illi t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 u in oltre illi ghandu japplika wkoll l-Artikolu 17(b) tal-istess Kap. 9 fir-rigward tat-tielet imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat t-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii), kif ukoll it-tieni proviso tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-

[1] Dok. RV1, a fol. 11 tal-process.

Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939 u l-Artikoli 49, 50 u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib l-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal piena ta' **sentejn prigunerija effettiva** – li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li hawn instab hati taghhom – **u multa ta' seba' mitt Euro (€700)**, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro ((€100.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux izjed tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

Il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Habs sabiex il-hati jinghata l-opportunita` li jsegwi programm fi hdan wahda mill-Agenziji li jahdmu kontra l-vizzju tad-droga sabiex jirrijabilita ruhu minn dan il-vizzju u qed tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lill-istess Direttur tal-Habs.

Stante illi ma gewx mahtura esperti f'din il-kawza, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex il-hati jigi ordnat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga, li tinsab kontenuta f'Dok. RV5, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------